



## Stqarrija għall-Istampa

Il-Lussemburgu, it-23 ta' Lulju 2020

# Is-sistema għall-protezzjoni tan-negozji tal-UE minn kompetizzjoni inġusta qed tiffunzjona tajjeb, jgħidu l-awdituri

L-Unjoni Ewropea għandha impenn favur il-kummerċ ħieles. Madankollu, jekk l-industriji Ewropej ibatu b'riżultat ta' prattiki inġusti mwettqa minn pajjiżi mhux tal-UE, bħal dumping u importazzjonijiet sussidjati, l-UE tista' tirreaġixxi permezz ta' Strumenti għad-Difiża tal-Kummerċ (TDIs). Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri eżaminat dan il-qasam għall-ewwel darba. Hija tikkonkludi li l-Kummissjoni rnexxielha tinforza l-politika għad-difiża tal-kummerċ, iżda li hemm lok għal titjib tal-effettività tal-politika, partikolarment fid-dawl tat-tensjonijiet li qed jikbru fil-politika tal-kummerċ globali.

Bħala membru tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ u minħabba l-valuri proprji tagħha, l-UE għandha impenn biex ikollha sistema kummerċjali miftuħa u bbażata fuq ir-regoli. Il-Kummissjoni Ewropea tista' tuża strumenti għad-difiża tal-kummerċ biex tirreżisti prattiki kompetittivi inġusti li ma jikkonformawx mar-regoli internazzjonali, bħad-dumping (bejgħ ta' esportazzjonijiet bi prezzijiet inqas mill-prezzijiet domestiċi) u s-sussidjar (appoġġ mhux ġustifikat li jingħata mill-Istat għal prodotti ta' esportazzjoni).

*"Il-kummerċ miftuħ joħloq opportunitajiet għall-kumpaniji Ewropej, jekk il-kundizzjonijiet ikunu ekwi. Fl-awditu li wettaqna, aħna sibna li l-Kummissjoni kienet kapaċi tiddefendi l-interessi tal-produtturi tal-UE kontra l-kompetizzjoni inġusta," qalet Ildikó Gáll-Pelcz, il-Membru tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri responsabbli għall-awditu. Aħna tal-fehma li jenħtieġ li n-negozji Ewropej ikunu aktar infurmati dwar din l-azzjoni kontra prattiki inġusti. Barra dan, hemm lok għal titjib fl-attivitajiet ta' monitoraġġ u prijoritizzazzjoni biex l-isfidi tal-ġejjieni fil-kummerċ internazzjonali jiġu indirizzati."*

Il-miżuri għad-difiża tal-kummerċ normalment jieħdu l-forma ta' taxxi doganali addizzjonali li jikkompensaw għat-telf li l-industrija tal-UE tkun ġarrbet b'riżultat ta' prattiki inġusti. Il-politika kummerċjali hija kompetenza esklużiva tal-UE, jiġifieri l-Kummissjoni Ewropea hija responsabbli milli twettaq investigazzjonijiet u milli timponi dazji f'isem l-Istati Membri. Skont l-awdituri, il-Kummissjoni tagħmel użu attiv mill-għodod li hemm għad-dispożizzjoni tagħha, billi twettaq

L-iskop ta' din l-istqarrija għall-istampa huwa li jingħataw il-messaġġi prinċipali tar-rapport speċjali maħruġ mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri. Ir-rapport sħiħ jinsab fuq [www.eca.europa.eu](http://www.eca.europa.eu).

## ECA Press

12, rue Alcide De Gasperi – L-1615 Luxembourg

E: [press@eca.europa.eu](mailto:press@eca.europa.eu) @EUAuditors [eca.europa.eu](http://eca.europa.eu)

investigazzjonijiet kif xieraq, u billi tiġġustifika miżuri kif meħtieġ meta dawn jiġu imposti. Fil-biċċa l-kbira mill-każijiet, dawn il-miżuri għad-difiża huma mmirati lejn prodotti industrijali aktar milli lejn prodotti għall-konsumatur, bl-eċċezzjoni notevoli tar-roti (kemm dawk li jaħdmu bl-elettriku kif ukoll dawk standard). Tabilħaqq, l-awdituri sabu li t-TDIs kienu kellhom impatt pożittiv b'mod ċar fis-settur tar-roti elettriċi: mingħajrhom, probabbilment il-produzzjoni fl-Ewropa tkun waqfet. Barra minn hekk, skont l-awdituri, it-TDIs kienu wkoll sors importanti ta' appoġġ għall-industrija tal-azzar, għalkemm inqas għall-industrija tal-pannelli solari. Madankollu, is-settur tal-industrija tal-pannelli solari huwa milqut ferm minn deċiżjonijiet politiċi dwar l-ambjent u t-tibdil fil-klima.

Inġenerali, l-awdituri jirrakkomandaw li l-Kummissjoni tqajjem kuxjenza dwar l-istrumenti għad-difiża tal-kummerċ, billi attwalment f'it huma l-industriji li jużawhom: xi setturi bħal dawk tal-azzar u tas-sustanzi kimiċi għandhom konossenza tajba tad-TDIs, iżda oħrajn – partikolarment l-intrapriżi żgħir u medji (SMEs) – huma ferm inqas familjari magħhom u għalhekk jista' jkun li ma jfittxux miżuri protettivi meta jesperjenzaw distorsjonijiet kummerċjali. Barra minn hekk, l-awdituri jirrakkomandaw li l-Kummissjoni, bħala l-parteċipant fil-kummerċ globali tal-UE, ittejjeb il-mod kif timmonitorja l-effettività kumplessiva tal-politika u tiprioritizza aħjar xi wħud mill-azzjonijiet (eż. fil-kuntest tal-forum tad-WTO).

### Noti lill-Edituri

Id-difiża tal-kummerċ hija kwistjoni globali, irregolata fil-livell globali. Il-ftehimiet tad-WTO jiddefinixxu l-qafas legali u istituzzjonali għat-TDIs, filwaqt li jispeċifikaw meta dawn jistgħu jiġu applikati u x'regoli għandhom jiġu segwiti fl-investigazzjonijiet. Jeħtieġ li l-leġiżlazzjoni tal-UE tkun tirrifletti r-regoli tad-WTO bis-sħiħ, iżda f'xi każijiet din tista' tintroduċi rekwiżiti addizzjonali qabel ma tadotta miżuri, kif kien il-każ għat-test dwar l-interess tal-Unjoni. Il-leġiżlazzjoni prinċipali tal-UE għat-TDIs hija r-“Regolament Bażiku AD” u r-“Regolament Bażiku AS” mill-2016, b'emendi importanti reċenti li saru fl-2017 u fl-2018.

Fl-2019, il-Kummissjoni bdiet 11-il investigazzjoni ġdida dwar anti-dumping (AD) u 5 investigazzjonijiet ġodda dwar antisussidji (AS). L-investigazzjonijiet kienu jikkonċernaw sitt pajjiżi differenti, fejn l-oġhla għadd ta' investigazzjonijiet mibdija kienu kontra ċ-Ċina (sebgħa) u l-Eġittu (erbgħa). Fi tmiem l-2019, 109 proġetti AD jew AS kienu fis-seħħ.

L-awditu kien ikopri l-attivitajiet li l-Kummissjoni kienet wettqet fil-perjodu 2016-2019. Dan ma kopriex l-effettività tax-xogħol li kien sar mill-awtoritajiet doganali nazzjonali, li għandhom responsabbiltà unika mill-ġbir tad-dazji li jkunu ġew imposti b'riżultat tal-investigazzjonijiet dwar it-TDIs. Il-QEA rrieżaminat suġġetti relatati fir-Rapport Speċjali Nru 19/2017: [“Proċeduri ta' importazzjoni: xi nuqqasijiet fil-qafas legali u implimentazzjoni ineffettiva għandhom impatt fuq l-interessi finanzjarji tal-UE”](#) u r-Rapport Speċjali Nru 2/2014: [“L-arranġamenti kummerċjali preferenzjali huma ġestiti b'mod xieraq?”](#)

Ir-Rapport Speċjali Nru 17/2020 *“Strumenti għad-difiża tal-kummerċ: funzjonament tajjeb tas-sistema għall-protezzjoni tan-negozji tal-UE minn importazzjonijiet li jkunu oġġett ta' dumping u ta' sussidji”* huwa disponibbli fuq is-sit web tal-QEA bi 23 lingwa tal-UE.

Informazzjoni dwar il-miżuri li l-QEA ħadet b'reazzjoni għall-pandemija tal-COVID-19 tista' tinstab [hawnhekk](#).

### Kuntatt għall-istampa għal dan ir-rapport

Claudia Spiti - [claudia.spiti@eca.europa.eu](mailto:claudia.spiti@eca.europa.eu) - T: (+352) 4398 45547 / M: (+352) 691 553547